**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 39 – IT-TLIETA, 14 TA' JANNAR 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi Chairperson |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru (wasal fis-6pm) |
| | Joe Micallef | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 38 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* għamlet riferenza għall-applikazzjoni tat-tliet bozoz li għandhom isiru f'Baħar iċ-Ċagħaq. F'dan ir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv, ċempel lill-kuntrattur sabiex jara meta se jesegwixxu x-xogħol. Il-kuntrattur tenna li kellu problema ta' nuqqas ta' *parts* (l-aljetta) iżda wiegħed li sal-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2014, il-bozoz se jkunu ġew installati.

2.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-proposta li l-Kumitat ressaq lill-Perit Testaferrata Denoto ta' Transport Malta lura f'Novembru 2013, sabiex kemm Triq Santa Klara kif ukoll Trejqet il-Kampanjol isiru f'direzzjoni waħda. Ġiet mgħarrfa li l-Kunsill għadu mingħajr tweġiba minkejja t-tfakkiriet li bagħat.

### 3. TAĦDIDIET DWAR IS-SAĦĦA

3.1. Is-Sinj. Cuomo nfurmat lill-membri tal-Kumitat b'talba li waslet għandha mingħand id-Dipartiment tal-Kura Primarja. Talba sabiex il-Kunsill Lokali In-Naxxar jagħti spazju sabiex isiru taħdidiet edukattivi fuq is-saħħa. Dawn it-taħdidiet isiru mit-tabiba Marcelle Martinelli tad-Dipartiment tal-Kura Primarja.

3.2. Id-Dipartiment tas-saħħa talab lill-Kunsill sabiex jipprovdilu *projector* u *laptop* għal dawn it-taħdidiet. Huma lesti li jagħmlu dawn it-taħdidiet mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn l-10.30am u l-11.15am fil-post li joffri l-Kunsill.

3.3. Kien hemm deċiżjoni unanima li dawn għandhom isiru fiċ-Ċentru Pastorali ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Barra minn hekk il-membri qablu li dawn għandhom isiru darba fix-xahar, l-ewwel taħdida tkun proprju t-Tlieta 11 ta' Frar 2014, imbagħad dawk

segwenti jsiru fl-ewwel Tlieta tax-xahar. Dawn preferibbilment jikkonċidu ma' attivitajiet tal-Knisja (tombla) biex ikun attendenza akbar. Preferibbilment it-taħdidiet isiru f'ħin qabel dak propost mid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

3.4. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill Lokali In-Naxxar sabiex jibgħat avviż lil Fr Paul Attard dwar il-programm ta' dawn it-taħdidiet edukattivi.

3.5. Dwar dan kien hemm qbil ukoll li jsir poster filwaqt li għandu jinkludi wkoll promozzjoni għall-*Facebook*.

**4. IL-KUNTRATT TAL-ART LILL-ISCOUTS**

4.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li qegħdin jidħlu ħafna ilmenti minħabba nirien (*bon fires)*, ħmieġ u storbju.

4.2. Iċ-*Chairperson* infurmat li se tattendi laqgħa li l-Ministru Farrugia se jagħmel mal-Kunsill u se tinfurmah b'dawn l-ilmenti.

4.3. Intalab li jsiru l-ilmenti wkoll mal-Ministeru responsabbli mill-Isports.

**5. TOURS KULTURALI ORGANIZZATI MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV**

5.1. Is-Sinj. Muscat infurmat li l-post tal-ħarġa kulturali għax-xahar ta' Jannar 2014 se jkun l-*Imdina Experience*.

5.2. Id-data tal-ħarġa kulturali se tkun nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 u l-Kumitat se joħroġ l-ispejjeż tat-trasport.

**6. RAPPORT DWAR ATTIVITAJIET SPORTIVI**

6.1. Is-Sinj. Vella infurmat lill-Kumitat li l-korsijiet tal-Aerobics u l-Pilates kellhom jitwaqqfu minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

6.2. Is-Sur Bonello wasal f'dan il-ħin. Il-ħin kien is-6.00pm.

6.3. F'dan il-ħin iċ-Chairperson semmiet il-ħtieġa li jsir fuljett u għalhekk iddelegat din il-biċċa xogħol lis-Sur Micallef. Min-naħa tas-Sur Micallef informa li jkun irid perjodu ta' ġimgħa jew għall-inqas tmiem il-ġimgħa sħiħ biex jiffinalizza.

**7. IL-PROĠETT TAT-TOROQ TEN-T**

7.1. Il-Kumitat kien infurmat li kien hemm xi moviment bħala xogħol relatat ma' Triq il-Kosta. Għalhekk saret il-mistoqsija jekk kienx hemm informazzjoni dwarha.

7.2. Is-SE informa li ma kellu l-ebda indikazzjoni iżda jista' jkun li kien qiegħed isir xogħol preparatorju jew analiżi tas-sit.

7.3. Il-Kumitat talab li possibilment tinkiseb aktar informazzjoni speċjalment biex ir-residenti jkunu infurmati minħabba l-aċċess għal djarhom. Infatti huwa importanti li ssir enfasi fin-nuqqas ta' aċċess li hemm min-naħa tal-Magħtab.

**8. IL-BAĠIT 2014**

8.1. Is-SE informa li f'dan l-istadju kien essenzjali li l-Kumitat iħejji l-baġit tiegħu għas-sena kurrenti. Huwa spjega li bħala fondi, meta mqabbel mas-sena 2013, kienu naqsu ftit. Spjega wkoll li ftit hemm fondi x'jistgħu ikunu bbaġittjati minħabba li l-maġġorparti tal-allokazzjoni tmur direttament fuq il-kuntratti/amministrazzjoni.

8.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet li parti mill-baġit għas-sena 2014 għandu jkun allokat għall-bankina ta' Triq it-Tunnara, parti għat-tabelli tal-ismijiet tat-toroq kif ukoll għall-attività "Arts in the Park" li maħsuba ssir għat-tieni darba.

8.3. Ġie deċiż li l-Kumitat hu lest li jonfoq mhux aktar minn €6,000 għall-organizzazzjoni tal-attività "Arts in the Park".

**9. ILMENTI**

9.1. Is-Sinj. Vella sostniet li Triq id-Dwieli sfat maqlugħa sabiex jgħaddu l-konnessjonijiet tad-drenaġġ iżda sal-lum għadha ma ġietx irranġata.

9.2. Barra minn hekk is-Sinj. Vella qalet li hemm bżonn li jsir xogħol ta' traqqigħ fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija.

9.3. Is-Sinj. Muscat qalet li fil-bidu ta' Triq Anton Manwel Caruana, fil-kantuniera hemm ħafna ħaxix li qiegħed jesporġi fuq il-bankina.

9.4. Is-Sinj. Muscat żiedet tgħid li hemm ħofra quddiem il-Marleys fi Triq Xatt il-Palm.

9.5. Is-Sinj. Muscat infurmat ukoll li minkejja li l-ġardinara qatgħu l-ħaxix tal-passaġġ fi Ġnien Xatt il-Palm, il-ħaxix ma nġabarx.

9.6. Is-Sur Bonello semma li hemm bżonn issir manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq l-Imsaqqfin. F'dan ir-rigward is-SE sostna li għandu jsir rapport dettaljat ta' dawn il-bankini mfassla skont il-prijorità li jiddetermina l-Kumitat Amministrattiv. Dan ir-rapport għandu jinkludi kemm ritratti kif ukoll indikazzjoni fuq pjanta għal-liema parti tat-triq qed ikun indikat.

9.7. Is-Sur Bonello semma l-plastik bit-*tape* li għandhom l-arbli tad-dawl fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Huwa qal li l-plastik se jispiċċa jdub u hekk ikun ta' periklu għall-pubbliku b'mod partikolari għat-tfal.

9.8. Iċ-Chairperson fakkret li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet qed torganizza taħriġ u għalhekk appellat lill-membri biex japplikaw.

**10. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS**

10.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 18 ta' Frar, 2014 ghas-6:00pm.

10.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

Mary Anne Cuomo
**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
**Segretarju Eżekuttiv**